MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 562/2002/1

**Maltacom p. l. c.**

**vs**

**Bianchi Mobili Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Novembru, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici s-somma ta' erbat elef tlett mija u tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm4393.27) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 222900

(skond kif jirrizulta mill-'statement' Dok A)) liema servizz gie stallat fil-fond 131-133, Pieta' Seafront, Pieta u dana skond ma kif jidher mis-service agreement Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali datata 16 ta' Marzu, 2000 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll iz-zewg dokumenti annessi mal-istess socjeta konvenuta (fol 2 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi t-talba attrici ghall-hlas ta' erbat elef, tliet mija u tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm4393.27) bhala kont konness ma' servizz telefoniku, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante illi f'ebda zmien u f'ebda cirkostanza, ma qatt saru telefonati lokali jew ghal barra, li setghu waslu ghas-sorte pretiza, fuq kwalsiasi linja ta' servizz telefoniku jew ta' fax fil-fond numru 131-133, Pieta' Seafront Pieta', minn fejn topera s-socjeta' konvenuta, kif jigi ahjar spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi. f'dan l-istadju tal-proceduri in esami ghandu jigi notat li fit-23 ta' Gunju 2004, din il-kawza giet differita, ghal llum, sabiex tigi decisa. Fl-24 ta' Lulju 2004, is-socjeta konvenuta ntavolat rikors (fol 41 tal-atti) sabiex tigi sospiza l-prolazzjoni ta' din is-sentenza ghar-ragunijiet hemm premessi. Pero, sallum, id-digriet preliminari moghti sabiex l-istess rikors jigi notifikat mis-socjeta konvenuta lil dik attrici ghar-risposta relattiva u effettivament ghadu ma ingiebx a konjizzjoni tas-socjeta' attrici skond kif ordnat. Inoltre jigi notat, illi, kif sottomessa l-eccezzjoni da parti tas-socjeta konvenuta, ma hemm indikata <u>l-ebda raguni konkreta u skond il-ligi</u> ghaliex l-

ammont pretiz fl-avviz ma hux dovut. Bhala konsegwenza, din il-Qorti ser tippronunzja s-sentenza illum stess.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta' attrici, din, permezz tax-xhieda moghtija mill-Prokuratur Legali Noel Scerri kif ukoll tal-lista dettaljata esebita minn dan ix-xhud (fol 17 sa fol 37 tal-istess atti) ikkonfermat l-ammont pretiz fl-avviz bhala "… li ghadu dovut sad-data tallum fl-intier tieghu".

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ser tigi akkolta skond l-avviz in esami.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm4393.27,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra bonarja tas-16 ta' Marzu 2000 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali."

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravji li saret lezjoni tad-dritt naturali *audi alteram partem* fil-konfront taghha u li dippju, fil-meritu, kuntrarjament ghal dak ritenut mill-ewwel Qorti, hi kellha linja difensjonali kontra l-pretensjoni tas-socjeta` attrici. Dan fis-sens espress fl-eccezzjoni taghha;

Jinsab provvdut fl-Artikolu 201 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi "jekk il-konvenut jew l-avukat tieghu, jew, fil-kawzi quddiem il-qrati nferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew il-prokuratur legali tieghu, jonqos li jidher, il-kawza tista' tigi maqtugha skond il-ligi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smigh ta' dik ix-xhieda li l-qorti tista' tqis li tkun mehtiega, ghad li huwa ma jkunx deher";

Mill-atti tal-kawza ma jistax jonqos li jigi osservat illi ebda rapprezentant tas-socjeta` appellanti ma deher fid-diversi udjenzi hlief fl-ahhar wahda fejn il-Qorti pprounzjat is-sentenza. Titwila anke superficjali lid-diversi verbali ma jistax ma jimmanifestax dan id-dizinteress tas-socjeta` appellanti, u dan mhux biss li tipproduci l-provi taghha izda sahansitra li tikkontroezamina lill-uniku xhud tas-socjeta` attrici appellata;

Hekk mill-inkartament tal-kawza jirrizulta li fl-udjenza tat-3 ta' Marzu 2004 il-Qorti halliet il-kawza specifikatament ghall-provi tas-socjeta` konvenuta ghas-seduta tat-23 ta' Gunju 2004, data li fiha la deher ebda rapprezentant tas-socjeta` konvenuta u lanqas l-avukat li ppatrocinaha. Kienet ghalhekk proceduralment korretta l-ewwel Qorti li tiddifferixxi l-kawza ghas-sentenza. Din ma kienetx l-ewwel seduta li fiha s-socjeta` appellanti jew ir-rapprezentant legali taghha naqsu li jidhru. Ara verbali tas-seduti tas-26 ta' Mejju 2003 (fol. 15) u dak tat-3 ta' Novembru 2003 (fol. 16);

Huwa veru li s-socjeta` appellanti ntavolat rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza izda mbaghad naqset li ssegwieh biex tottempera ruhha mad-digriet moghti;

Gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, illi "l-provvedimenti tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirregolaw il-kondotta tal-kawzi huma ntizi mhux biss biex jassiguraw smiegh xieraq u gust imma wkoll smiegh bla dewmien u fi zmien xieraq. Il-gustizzja kienet ukoll tirrikjedi illi mhux biss id-digrieti tal-Qorti dwar il-kondotta tal-kawza kellhom ikunu rigorozament osservati mill-kontendenti imma wkoll li l-hin disponibbli ghas-smiegh tal-kawza, jigi skond kif mill-Qorti deciz utilizzat bir-rispett dovut lejn l-istess Qorti u l-kontroparti" - "**Theodora Gauci Borda *et* -vs- Frank Borda**", 29 ta' Mejju 2000;

Dan anke ghaliex, kif issokta jigi puntwalizzat dejjem minn dik l-istess Qorti, "hi wkoll zbaljata s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-principju *audi alteram partem* kien wiehed li jittraxxendi r-regoli ta' procedura mahsuba biex jorganizzaw il-process gudizzjarju u li l-qrati u l-partijiet kienu tenuti u obbligati li josservaw. Indubbjament, anke fl-applikazzjoni ta' dan il-principju bazilari ta' dritt kellhom jigu osservati l-interessi supremi tal-gustizzja kif ukoll id-drittijiet tal-kontroparti li kienu jesigu illi s-smiegh tal-kawza jkun regolat skond kif tidderiegi l-Qorti bl-applikazzjoni tal-ligi procedurali. L-appellanti allura ma kellhom l-ebda dritt jinvokaw dan il-principju meta kienu huma stess illi kienu hatja ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti in kwantu bla gustifikazzjoni fallew milli jipproducu l-provi kollha taghhom meta hekk miltuba biex jaghmlu …" - "**Teddy Spiteri *et* -vs- Catherine Muscat *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Irid jinghad li dan il-hsieb mhux xi *noviter deductus* in kwantu, fi zmenijiet differenti, il-Qrati taghna ma naqsux milli jissenjalaw illi d-disposizzjonijiet procedurali huma mizura ta' dixxiplina u ta' sikurezza processwali li ma jammettux "*estensione o restrizione nella loro applicabilita` da motivi di indole privata o singolare*". Ara a propozitu **Kollez. Vol. XXIV P I p 237**; "**Francis T. Gera *nomine* -vs- Edward Camilleri *et***", Appell Inferjuri, 14 ta' Frar 1973; "**Joseph Falzon -vs- Anthony Debono *nomine***", Appell Kummercjali, 13 ta' Jannar 1975 u "**Lawrence Ciantar *nomine* -vs- Anthony Montebello**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997, fost bosta ezemplari ohra;

Fil-kaz prezenti l-Qorti ma tistax ma tinnotax illi ghalkemm ir-rapprezentant legali tas-socjeta` appellanti jittanta jiggustifika l-assenza tieghu fis-seduta mhollija ghall-provi mhux l-istess jista' jinghad ghall-istess socjeta` appellanti. Din ma tavvanza ebda raguni ghall-assenza taghha mill-proceduri u in partikolari fis-seduta li fiha kellha tressaq il-provi taghha. Intqal li "hu dover tal-parti illi minn rajha tassigura ruhha li tkun taf bid-differimenti tal-kawza u li tidher anke fl-assenza ta' l-avukat. Hu biss b' din il-presenza li l-konvenut jimmanifesta l-interess tieghu fil-

proceduri" ("**Saviour Farrugia *nomine* -vs- Anthony Wismayer**", Appell, 25 ta' Gunju 1997). Ghaldaqstant is-socjeta` appellanti m' ghandhiex hlief tlum lilha nnifisha u jkollu jinghad illi *imputet sibi*. L-aggravju taghha fuq dan il-punt ma jistax ghalhekk la logikament u lanqas guridikament jigi akkolt;

Is-socjeta` appellanti ressqet ukoll aggravju fil-meritu izda hu difficli ghal din il-Qorti li tara s-serjeta` u l-gustifikazzjoni tieghu meta hi naqset li tiddisimpenja ruhha mill-oneru gravanti fuqha li turi b' xi prova l-fondatezza tad-difiza taghha illi tabilhaqq qatt ma saru telefonati lokali jew ghal barra, li setghu wasslu ghas-sorte pretiz, fuq kwalsiasi linja ta' servizz telefoniku jew ta' fax fil-fond partikolari fil-Pieta` fejn topera hi. Rigwardat taht dan l-aspett anke dan l-aggravju ma jistax jitqies sostenibbli u qed jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata tal-Qorti Nferjuri u b' hekk tichad l-appell interpost, bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu sopportati mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------